# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2024**

**Numru 8**

**Rikors numru 937/2012 MH**

**C&F Building Contractors Limited (C-15308)**

**v.**

**Alfred Baldacchino Limited (C-10418)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn laqgħet it-talbiet attriċi f'azzjoni għad-danni naxxenti minn appalt b'riżultat ta' ksur tal-obbligazzjonijiet da parti tal-appaltatur, filwaqt li applikat riduzzjoni tad-danni reklamati wara li ħadet in konsiderazzjoni l-kontributorjetà tal-appaltant.

**Daħla**

2. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat quddiem il-**Qorti Ċivili, Prim'Awla (l-Ewwel Qorti)** fis-17 ta' Settembru, 2012 is-soċjetà attriċi C&F Contractors Limited (l-Attriċi), wara li spjegat illi hija kienet rebħet *tender* mingħand id-Dipartiment tad-Djar li kien jinkludi li tissupplixxi u tinstalla numru ta' bibien tal-metall galvanizzat f'numru ta' garaxxijiet ġewwa binjiet f'Pembroke; illi għal dan ix-xogħol kienet inkarigat lis-soċjetà konvenuta; illi fil-perjodu msejjaħ "defects liability period" il-bibien tal-ħadid installati mis-soċjetà konvenuta ħarġulhom difetti billi bdew jissaddu bil-konsegwenza li l-Gvern żamm milli jħallas is-somma ta' mija u tletin elf ewro (€130,000); illi l-bibien kollha installati mis-soċjetà konvenuta bdew jissaddu; illi interpellata tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni s-soċjetà konvenuta ma ottemperatx ruħha u għalhekk l-attriċi intavolat il-kawża fejn talbet illi:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għad-danni kollha li sofriet, qed issofri u tista' 'l quddiem issofri s-soċjetà rikorrenti minħabba l-inadempjenza da parti tas-soċjetà intimata li twettaq is-sub appalt minnha mitlub u minnha magħmul u li għalih gia tħallset u dana għar-raġunijiet fost oħrajn li dan ix-xogħol ma wetqitux skond is-sengħa u l-arti u skond il-liġi.
>
> 2. Tillikwida għaldaqstant dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.
>
> 3. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma li tiġi hekk likwidata."

3. B'risposta maħlufa tas-6 ta' Diċembru, 2012 is-soċjetà konvenuta Alfred Baldacchino Limited (il-Konvenuta) laqgħet għat-talbiet attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikoli 2148 (a) u tal-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.[1]
>
> 2. Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.
>
> 3. Ix-xogħol kommissjonat mill-attriċi lill-eċċepjenti, ġie eżegwit minnha skond il-ftehim u skond is-sengħa u l-arti.
>
> 4. L-esponenti ma għandha ebda ħtija jew responsabilta' legali jew kontrattwali, għas-sadid li żviluppa fil-bibien tal-garaxxijiet maħduma minnha, jew biex tagħmel tajjeb għal din il-ħsara jew xi danni li setgħet inkorriet is-soċjetà attriċi.
>
> 5. L-esponenti ingħatat mill-attriċi żewġ kuntratti għall-fabbrikazzjoni ta' bibien tal-garaxxijiet galvanizzati, it-tnejn fuq inkarigu oriġinali tal-Awtorita' tad-Djar, wieħed fl-Imtarfa u l-iehor f' Pembroke. Ix-xogħolijiet ġew esegwiti, aċċettati u mħallsa. Sussegwentement u b' dawn il-proċeduri, l-attriċi qed tallega li l-bibien li twaħħlu f' Pembroke ma kienuz galvanizzati skond il-ftehim. Dan mhux minnu, u x-xogħol kollu kemm ta' Pembroke kemm ta' l-Imtarfa sar skond is-sengħa u l-arti. Dan jinsab konfermat ukoll minn konsultent indipendenti."

4. L-Ewwel Qorti għamlet ġabra tal-provi mressqa mill-partijiet kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-espert ġudizzjarju:

> 1. Is-soċjetà attriċi kienet rebħet tender maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti għan-nom tal-Awtorita' tad-Djar a bażi ta' liema hija kellha tibni diversi appartamenti ġewwa Pembroke u fost affarijiet oħra kellha wkoll tissuplixxi bibien tal-ħadid iggalvanizzat biex jitqiegħdu fid-diversi garaxxijiet li kienu jiffurmaw parti minn din il-kostruzzjoni tal-blokok ta' appartamenti. Peress li s-soċjetà attriċi ma kinitx tagħmel xogħol ta' ħadid, dik il-parti li kellha x'taqsam mas-"supply and lay" ta' dawn il-bibien tal-ħadid tal-garaxxijiet u li kellhom ukoll ikunu galvanizzati kienet

---

[1] L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet irtirata mis-soċjetà konvenuta qabel ma ingħatat is-sentenza appellata

tatha b'sub-appalt lis-soċjetà konvenuta, u rabtu l-kundizzjonijiet tat-tender li kienu ntrabtu bihom versu l-Gvern ukoll mas-sub appaltatur ;

2. Skont il-kuntratt t'appalt, kellhom jitwaħħlu total ta' 155 bieb ta' garaxxijiet . Mill-aċċess li sar fuq il-post mill-perit tekniku nkarigat mill-Qorti Martin D.Galea, huwa sab fil-post 153 bieb – 76 fil-basement level u 77 fil-ground floor. Irriżultalu wkoll li żewġ bibien kienu neqsin, preżumibilment insterqu ;

3. Jirriżulta wkoll li qabel ma skada d-*defects liability period* skont il-kuntratt, xi *door frames* tal-garaxxijiet minn dawk imwaħħla mis-soċjetà konvenuta kienu mtlew bis-sadid u għalhekk permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2010 l-Awtorita' tad-Djar infurmat lis-soċjetà attriċi li kienet naqqset is-somma ta' circa €6,000 mill-ammont li kellu jitħallas lis-soċjetà attriċi fuq dawn il-bibien tal-ħadid. Skont dik l-ittra, sa dakinhar kienu ġew innutati 32 door frame . Minn naħa tagħha s-soċjetà attriċi wkoll naqqset dawn is-€6,000 mill-ħlas li hija għaddiet lis-soċjetà konvenuta u qaltilha biex jekk trid teħodha hi mal-Awtorita' tad-Djar biex jirriżolvu l-kwistjoni dwar is-sadid. Pero' s-soċjetà konvenuta sussegwentement intavolat ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema talbet il-ħlas tas- €6,000 in kwistjoni. Din l-ittra saret eżekuttiva u sussegwentement is-soċjetà attriċi fetħet kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra s-soċjetà konvenuta fejn talbet il-likwidazzjoni tad-danni fl-istess somma u talbu wkoll dikjarazzjoni li x-xogħol sar ħażin. Din il-kawża għadha pendenti u llum tinsab differita sine die riappuntabbli wara li jkun hemm eżitu finali fil-kawża odjerna

4. Fil-mori ta' dawk il-proċeduri, u meta kien għalaq id-*defects liability period,* l-Awtorita' tad-Djar ħarġet iċ-ċertifikat tal-ħlas lis-soċjetà attriċi fil-11 ta' Ġunju 2012 fejn għarrfitha li mir-*retention money* li kien dovut lilhom kienet ser tnaqqsilhom fost oħrajn is-somma ulterjuri ta' €124,900 peress li sa dakinhar il-maġġor parti tal-bibien tal-garaxxijiet kienu ssaddu, b'dana li b'kollox l-Aworita' żammitilhom is-somma totali ta' €130,900. F'dak l-ammont kienu qed jiġu kalkolati 154 bieb u li l-istima għat-tneħħija u rimi tal-bibieb imsadda u t-tqegħid ta' oħrajn ġodda kienet ta' €850 għal kull bieb.

5. Kif xehed Frank Schembri, Direttur Maniġerjali tas-soċjetà attriċi, hija fetħet il-proċeduri odjerni stante li fil-frattemp hija kienet diġa laħqet ħallset lis-soċjetà konvenuta l-prezz akkordat bejniethom għal dan is-sub-appalt.

6. Minn naħa tiegħu, Andrew Baldacchino, Manager fi ħdan is-soċjetà konvenuta xehed fost oħrajn li kull darba li l-impjegati tagħhom kienu jkunu qed iwaħħlu l-bibien, ħadd mir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi jew il-perit tagħhom ma qalilhom li x-xogħol ma kienx ġej a sodisfazzjon tagħhom. Wara l-ewwel xita (meta wieħed iqis li x-xogħol ta' twaħħil kien qed isir lejn l-aħħar tax-Xitwa 2009), huma kienu nnutaw li kienu ffurmaw diversi għadajjar żgħar tal-ilma u kienu nnutaw ukoll ilma jċarċar minn

mal-ħitan. Minkejja li dan seta' jiġi nnutat minn kulħadd, ħadd minn naħa tas-soċjetà attriċi ma qalilhom biex jieqfu mix-xogħol, anzi kienu dejjem jgħidulhom biex jibqgħu għaddejjin ħalli jżommu mat-termini ta' żmien tal-kuntratt. Inoltre huwa kompla jgħid li fil-proġett simili tal-Imtarfa, s-soċjetà konvenuta waħħlet bibien tal-garaxxijiet bħal dawk ta' Pembroke u ma ġralhom xejn. Qal ukoll li bibien li twaħħlu f'Pembroke u li ma ċarċarx fuqhom dan l-ilma ma wrew ebda sinjal ta' ħsara jew sadid. Fil-fehma tax-xhud, dan bilfors kien juri li l-ilma li ċarċar ma kienx sempliċiment ilma imma kien fih kimika li nġarret mis-sulari ta' fuq u li kkawżat it-tqaxxir kemm mal-ħitan u kemm mal-bibien.

7. Sabiex issostni d-difiża tagħha s-soċjetà konvenuta ppreżentat rapport xjentifiku tal-Inġinier Dr Joseph Buhagiar u l-Inġinier Maurizio Fenech mid-Dipartiment tal-*Metallurgy and Materials Engineering* ta' l-Università ta' Malta. Huma evalwaw fost oħrajn il-materjal tal-bibien tal-garaxxijiet, l-ambjent li kien jiċċirkonda dawn il-bibien, tqabbil mal-bibien tal-istess tip u li ġew installati fl-istess perjodu mis-soċjetà konvenuta fil-proġett tal-Imtarfa u esperimenti xjentifiċi fuq il-bibien. Il-konklużjoni tagħhom hija li – "From this investigation it can be confidently said that Alfred Baldacchino Ltd have provided their customer with good quality doors. The material was brought from a reputable source and from this analysis a fault in it could not be found. Actually the material was conformant with the standards that regulate this profession. Therefore it can be concluded that there is no fault in the material and workmanship of Alfred Baldacchino Ltd. The corrosion on the garage doors occurred because they were subjected to an environment that they should never operate in. This harsh environment was created due to construction works that were carried out in parallel with installation. This led to highly alkaline water to seep from the roof and percolate through the walls ending up on the garage doors.

Doors installed in the same period in Mtarfa and garage doors in Pembroke that were not subjected to this alkaline water in fact did not suffer from corrosion. This further strengthens the point that there is nothing wrong with these garage doors."

8. Minn naħa tagħha s-soċjetà attriċi inkarigat lill-perit David Camilleri kif ukoll lill-Inġinier Paul Cardona sabiex jeżaminaw il-kwistjoni. Fir-rapporti rispettivi tagħhom l-perit Camilleri u l-Inġinier Cardona, wara li evalwaw id-dokumentazzjoni relattiva irrelataw fost oħrajn li, skont ir-records, is-soċjetà attriċi kienet marbuta li tibda l-installazzjoni tal-bibien f'Jannar 2009 u tispiċċa x-xogħol fil-31 ta' Mejju 2009; […] Fir-rapport tal-perit Camilleri ingħad li mill-ispezzjoni li saret ġie nnutat li viżwalment is-sitwazzjoni fil-*lower basement* kienet ħafna agħar minn dik tal-*upper basement*; -ħafna mill-frames tal-bibien huma *corroded* li huwa ndikattiv ta' nuqqasijiet fil-fabrikazzjoni u jeħtieġu li jinbidlu; uħud mill-bibien ingħaqdu (pitted) u ġew mimsusa, indikazzjoni li hemm insuffiċjenza fil-ħxuna ta' zinc film u jkollhom jinbidlu; u numru kbir ta' bibien saritilhom *corrosion* b'mod katastrofiku u se jkollhom jinbidlu. Huwa ta l-opinjoni tiegħu dwar ir-riżultanzi tar-rapport xjentifiku preżentat mis-soċjetà

konvenuta u spjega għalfejn ma jaqbilx mal-konklużjonijiet hemm raġġunti. Da parti tiegħu l-perit Camilleri kkonkluda li –"..the quality of doors as supplied and installed by Alfred Baldacchino Ltd for corrosive environment at Pembroke is questioned. Study by University of Malta, Department of Metallury and Materials Engineering on behalf of Alfred Baldacchino Ltd cannot be considered as an impartial opinion on the likely cause of widespread corrosion and therefore a report is being drawn up by Eng. Paul Cardona to investigate the possible causes with recommendations for rectification. In addition C&F Building Contractors Ltd were never advised by suppliers that doors, as manufactured, were not adequate for installation in a construction environment and/or near the sea. C & F Building Contractors Ltd could not have the knowledge of this qualification and relied on Alfred Baldacchino Ltd as a specialist galvanised door manufacturer, for recommendations on their performance taking into consideration building location and use against specifications isued by Client." L-Inġinier Paul L.Cardona minn naħa tiegħu wasal għas-segwenti konklużjonijiet - "Alfred Baldacchino Limited and their consultants are stating that the corrosion happened due to the highly corrosive chamura which was allowed to drain on these doors from the ceiling above. We do not argue with the fact that this chamura has a deterious effect on the zinc coating and it would have accelerated the corrosion of the zinc coating over a period of time. However the main causes for the corrosion of the zinc coating and the steel have been –

1. A very low thickness of zinc layer which has been found to be 12.5 microns instead of 85 microns as required by ISO 12944-2 for an application of galvanised steel sections in this particular area. Had the steel been coated to this proper thickness then, in the balance of probabilities, we would have seen a degradation of the zinc coating but not the general serious corrosion of the steel plate.

2. The unprotected steel edges of the cut plate and the damaged zinc coating in way of the corners of the fabricated channel sections/angle sections has left these corners totally unprotected and thus they weren't gulvanised as required in the contract and they could only corrode at a fast rate. In fact, the zinc in the areas adjacent to the bare steel edges would've acted as an anode to protect the steel from further corrosion. This, in fact resulted in a much accelerated wastage of the zinc coated. This is clearly seen in the images attached."

9. Il-Qorti nkarigat lil Martin D. Galea sabiex jassistiha mill-aspett tekniku ta' din il-vertenza. Huwa għamel is-segwenti osservazzjonijiet fost oħrajn – i. is-sit in kwistjoni ma kienx jinsab il-bogħod mill-baħar u l-garaxxijiet kienu jinsabu taħt l-art f'kundizzjonijiet umdi. B'hekk kellha tingħata ħafna attenzjoni għal miżuri ta' protezzjoni mill-korrużjoni; ii. kif anke kkonfermat mill-periti tal-Awtorita' tad-Djar li kienu nvoluti fil-proġett, l-evidenza turi li l-bibien tal-garaxxijiet kienu nstallati fis-sit qabel ma tlestew ix-xogħlijiet ta' landscaping fil-livell tat-triq fuq il-garaxxijiet. Dan wassal għal ingress ta' ilma tax-xita u anke ċamura (slurry) mill-proċess ta' tile polishing; iii. Is-soċjetà attriċi pprovdiet lil dik konvenuta bl-istess

door specifications li hija kienet irċeviet mingħand l-Awtorita' tad-Djar. L-ispecifications li ngħataw mill-Awtorita' kontraenti kienu wisq laxki b'dana li kienu suxxettibbli għal ħafna misinterpretazzjoni li rriżultat fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum; iv. Inoltre, l-bibien kienu kontaminati b'ingress ta' ilma u ċamura (slurry) u kien hemm anke flooding tant li ħafna mil-bibien sofrew korrużjoni fil-parti t'isfel talbibien u l-frame; v. Madankollu, intwera wkoll li anke bibien li ma kinux esposti għall-ilma u/jew ċamura sofrew korrużjoni u uħud minnhom kellhom heavy pitting u spiċċaw mingħajr zinc coating. Il-bibien bin-numri 38, 42, 45, 65 fil-basement level u l-bibien bin-numri 17 u 30 fost oħrajn fil-ground floor level huma eżempji tipiċi; vi. Kien notevoli wkoll il-fatt li cable tray galvanizzat u li kien imwaħħal mas-saqaf, għalkemm kien fl-istess kundizzjonijiet ma kienx qed juri sinjali ta' korrużjoni u dan minkejja li l-ħitan ta' warajh kellhom sinjali li juru ngress ta' lilma;

Il-konklużjoni tal-perit tekniku kienet li kien hemm is-segwenti fatturi li kollha kkontribwew għal dawn il-probemi kawżati fil-bibien, senjatament –

• "There is no doubt that the contamination with water and slurry (ċamura) have contributed to the acceleration of the corrosion process. However the fact that there are doors which were not subject to this contamination and are also corroding, eliminates this factor as being the main cause.

• An initial factor was the loose specification submitted in the bid document by the housing Authority, which lacked proper guidance

• None of the parties involved gave due consideration to the site ambient conditions and coastal aggressive environment of the site conditions and coastal aggressive environment of the site.

• This factor resulted in providing Zinc coated sheets that were not suitable for this environment. ISO-12944-2, specifies a zinc coating of 70 to 80 microns for locations classified as C5M. The un-corroded cable tray on site already mentioned earlier in this report strengthens this argument.

• This problem was more exasparated by the fact that Zinc coating thickness was reduced on all areas were sheets were bent, resulting in the cracking of the coating or reduction of thickness by elongation.

• All cut edges were left bare and unprotected by any kind of coating. This factor contributed to a faster general Zinc depletion due to galvanic action. Moreover heat affected areas were welding was carried and Zinc coating was damaged, were not properly treated."

5. B'sentenza tas-17 ta' Ġunju, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif ġej:

"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;

2. Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta u tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba tagħha billi tillikwida bħala danni s-somma ta' sebgħa u tmenin elf erba' mija u tletin Ewro (€87,430) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha tali somma;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta."

6. Is-soċjetà konvenuta (minn issa wkoll l-Appellanti) ħassitha aggravata b'dik is-sentenza u b'rikors tas-7 ta' Lulju, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija, interponiet appell.

7. B'risposta tat-30 ta' Lulju, 2020, s-soċjetà attriċi, (minn issa wkoll l-Appellata) għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għal dan l-appell.

8. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tikritika lill-Ewwel Qorti illi "straħet għal kollox fuq dak li qal l-espert maħtur minnha u ma tat ebda piż lir-rapport tekniku *ex parte* kommissjonat" minnha; tgħid illi meta kien ġie nominat l-espert ġudizzjarju hija kienet taħt l-impressjoni li huwa kien inġinier speċjalizzat f'dan il-qasam kif jidher li kienet bl-impressjoni wkoll l-Ewwel Qorti diversament presjeduta meta ħatritu; tgħid illi kien biss fi stadju tard fis-smigħ tal-kawża illi l-espert ġudizzjarju ġibed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li huwa ma kienx inġinier iżda li kellu esperjenza f'dan il-qasam; tgħid illi hija ma talbitx is-sostituzzjoni tiegħu peress li s-smigħ kien sadanittant avvanzat ħafna; tgħid illi huwa rilevanti n-nuqqas da parti tal-espert ġudizzjarju ta' kwalifika akkademika meta kkumparat mal-kwalifiki akkademiċi tal-esperti *ex parte* tagħha membri akkademiċi tal-Università ta' Malta; tikritika lill-espert ġudizzjarju illi ħa l-miżuri fuq il-post permezz ta' "apparat tal-idejn"; tgħid illi r-rapport tal-Università ta' Malta huwa aktar attendibbli mir-rapport tal-espert

ġudizzjarju; tikritika lill-Ewwel Qorti illi enfasizzat illi *ż-zinc coated sheets* ma kienux adatti għall-ambjenti li fih tpoġġew, li l-ħxuna tal-*coating* taż-żingu kienet imnaqqsa f'dawk il-partijiet fejn il-folji tal-metall kienu jitgħawġu u l-*coating* ixxaqqaq kif ukoll li t-trufijiet kollha tal-qtugħ ma kinux protetti minn *coating*; tgħid li l-konklużjonijiet tal-perit ġudizzjarju jikkuntrastaw mar-rapport *ex parte* ta' Dr Joseph Buhagiar mill-Università ta' Malta li ċċertifika li l-materjal użat kien ta' kwalità tajba u bi speċifikazzjonijiet skont l-i*standard* applikabbli u li l-ħsara fil-bibien ma kenitx riżultat ta' materjal inferjuri iżda minħabba li ċċarcar fuqu ilma kontaminat biċ-ċamura li huwa *corrosive*; tgħid illi l-Ewwel Qorti injorat il-provi fosthom ritratti li juru illi l-maġġorparti tal-bibien ma ġratilhomx ħsara; tissottolinea illi skont l-istess rapport tal-espert ġudizzjarju terz (1/3) tal-bibien baqgħu f'kundizjoni tajba; filwaqt li dawk immarkati bħala 'corroded doors' aktar minn nofshom għandhom 'slight corrosion'; tgħid li huma biss f'minoranza l-bibien ċetifikati bħala li għandhom 'severe corrosion'; issemmi li hemm disa' (9) bibien li saru mill-ġdid minn ditta oħra wara li jidher li dawk li mmanufatturat is-soċjetà konvenuta ġew misruqa; għalhekk l-appellanti ssostni illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx fuq il-provi akwiżiti tasal għall-konklużjoni illi l-bibien kollha kienu ħżiena; tirreferi għall-konsenja oħra tagħha fuq ordni tal-appellata bl-istess materjal fl-Imtarfa fejn ma żviluppat l-ebda ħsara; tilmenta li l-Ewwel Qorti injorat dak li xehed l-espert *ex parte* Dr Buhagiar illi l-ambjent f'Pembroke ma kellux jiġi kklassifikat bħala 'marine' peress li l-ambjent jinstab taħt l-

art filwaqt li l-bokka tal-bieb ma tħarisx lejn il-baħar u kien għalhekk illi kklassifika dan l-ambjent bħala bejn *C2 low* u *C3 medium*; tikritika wkoll ir-rapport tal-espert ġudizzjarju meta rrelata illi "t-trufijiet kollha tal-qtugħ ma kinux protetti minn coating"; tgħid li dan mhux minnu, ħaġa li skont l-appellanti seta' jiġi kkonstatat fuq il-post u anke minn uħud mir-ritratti; tikritika r-rapport peritali tal-espert ġudizzjarju bħala ġabra ta' "possibilitajiet" aktar milli "konklużjonijiet xjentifiċi"; tgħid illi l-Ewwel Qorti injorat il-ħamsin sena esperjenza f'dan ix-xogħol tas-soċjetà konvenuta; dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi jekk is-soċjetà konvenuta kienet konsapevoli illi minħabba li kien għadu għaddej ix-xogħol fis-sulari superjuri ma kellhiex tinstalla l-bibien qabel jitlestew dawk ix-xogħlijiet, l-appellanti tgħid illi hija ma kellhiex għażla peress li l-perit tal-proġett ordnatilha sabiex twaħħalhom "minkejja l-ilma" li sa dak iż-żmien is-soċjetà appellanti ma kenitx konxja li seta' jikkaġuna ħsara imma aktar kienet konċernata mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha fuq il-post; tgħid illi kemm il-bibien saru skont l-arti u s-sengħa huwa kkonfermat mill-istess attriċi appellata meta talbet li tiġi msejħa fil-kawża l-Awtorità tad-Djar għaliex sostniet li seta' jagħti l-każ li s-sadid ma kienx riżultat ta' manufatturat ħażin; tgħid illi hija kienet kontrattwalment marbuta illi ssegwi l-ordnijiet tas-soċjetà attriċi li tinstalla l-bibien *nonostante* l-ambjent li fih kienet tinstab il-binja, l-istess bħalma s-soċjetà attriċi kienet marbuta li toqgħod għall-ordnijiet tal-Awtorità tad-Djar għaliex fin-nuqqas kienet teħel il-penali;

**Ikkunsidrat;**

9. Dan l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa essenzjalment kritika tal-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi mressqa, b'mod partikolari meta adottat il-konklużjonijiet tar-relazzjoni teknika tal-perit ġudizzjarju.

10. L-attriċi appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi l-appellanti qed tittenta tirrimpjazza d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti; tgħid illi essenzjalment dan l-aggravju huwa ripetizzjoni tas-sottomissjonijiet finali li l-appellanti kienet għamlet quddiem l-Ewwel Qorti; tgħid illi l-appellanti ma għandhiex titħalla terġa' tiftaħ l-indaġini tal-mertu fl-istadju tat-tieni grad meta ma hemmx raġunijiet gravi; tgħid illi l-appellanti ma rnexxilhiex turi illi kien hemm xi inġustizzja manifesta, jew li rriżulta li kien hemm xi eżerċizzju ħażin ta' diskrezzjoni jew xi raġuni gravi oħra li tiġġustifika li l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti jiġi disturbat; tgħid illi ġialadarba l-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti din il-Qorti ma għandhiex tikkonsidrahom; dwar l-aggravju referibbli għar-rapport tal-perit tekniku tgħid illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-kritika li l-appellanti kienet għamlet dwar ir-rapport tekniku u kkonkludiet li tadotta l-konklużjonijiet peritali tal-espert ġudizzjarju u mhux l-opinjonijiet tal-esperti *ex parte* tas-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat;**

11. Bħala punt ta' tluq ma huwa qatt barra minn loku li jiġi puntwalizżat li fejn appellant jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet Qorti tal-ewwel grad, hija regola stabbilita illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:

> " ... tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula)."

12. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wasluha tadotta r-rapport tal-espert ġudizzjarju huma s-segwenti:

"Il-Qorti tissottolinea li bħala fatt ġie ampjament pruvat li l-maġġor parti tal-bibien in kwistjoni ssaddu, uħud b'mod estensiv, kif jirriżulta anke min-numru sostanzjali ta' ritratti esibiti in atti. M'hemmx dubju li l-evalwazzjoni tal-Qorti sabiex jiġi stabbilit jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex iġġorr responsabbilta' legali għal dan l-akkadut, u jekk iva sa liema grad, trid tinbena fuq riżultanzi ta' natura teknika. Infatti l-qofol tal-vertenza huwa li jiġi stabbilit x'wassal biex tant bibien ġratilhom din il-ħsara u ċioe' jekk hux għal raġunijiet ta' xogħol li sar ħażin u mhux skont l-arti u s-sengħa, kif pretiż mis-soċjetà attriċi, jew inkella din il-ħsara hijiex dovuta għal fatturi esterni u lil hinn mill-kontroll tas-soċjetà konvenuta, kif insinwat minn din ta' l-aħħar.

Il-Qorti rat ir-rapporti tekniċi kollha ppreżentati in atti, kollha magħmula minn esperti fil-qasam tagħhom, u li kollettivament taw stampa teknika dettaljata tal-kawża li, fil-fehma rispettiva tagħhom, wasslet biex il-bibien in kwistjoni issaddu fil-maġġor parti tagħhom issaddu.

[ … ]

L-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi hekk –

"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet b'konvinċiment u bla ebda ezitazzjoni.

Hija l-fehma ferma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-perit tekniku mqabbad minnha Martin D. Galea fir-relazzjoni peritali li jirriżultawlha bħala li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta in toto u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet. Għal kull buon fini, b'referenza in partikolari għall-kredenzjali u l-esperjenza talperit tekniku Martin Galea li, evidentement tqiegħdet f'dubju mid-difiża tas-soċjetà konvenuta partikolarment waqt it-trattazzjoni finali, l-Qorti tissottolinea li kif irriżulta kemm mir-rapport tiegħu kif ukoll mill-eskussjoni, huwa għandu l-kwalitajiet tekniċi meħtieġa sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-mertu tal-kawża. U jiġi rilevat ukoll li għalkemm dan il-perit tekniku ġie suġġerit mis-soċjetà attriċi , is-soċjetà konvenuta m'opponietx qatt għall-ħatra ta' dan lespert nominat. Anzi, qabel ma ħadet dik il-pożizzjoni s-soċjetà konvenuta kellha żmien biżżejjed sabiex tagħmel l-aċċertamenti tagħha dwar l-espert tekniku msemmi, u jekk kellha xi oġġezzjoni dwar l-idoneita' tiegħu għall-inkarigu tiegħu kien imissha ressqitha fil-mument opportun u mhux meta ġiet rinfaċċjata b'relazzjoni li ma aġevolatx it-teżi

tagħha. Ċertament din ma kienetx opposizzjoni li kellha titressaq fi stadju ta' sottomissjonijiet. Kien hemm żmien ampju għal dan waqt is-smiegħ tal-kawza. Konsegwentement il-Qorti se tiskarta tali oġġezzjonijiet.

Inoltre l-Qorti tinnota li għalkemm saret l-eskussjoni tal-perit tekniku Galea, iż-żewġ partijiet irrinunzjaw għat-talba oriġinali tagħhom għall-ħatra ta' periti perizjuri. In fine, anke jekk fit-trattazzjoni finali d-difiża tas-soċjetà konvenuta ressqet argumenti ta' kritika għar-rapport ta' dan l-espert tekniku nkarigat mill-Qorti, dawn kienu diġa' ġew koperti bir-risposti tal-istess espert waqt l-eskussjoni u għalhekk ma hemm ebda lok li l-Qorti tgħaddi xi kummenti ulterjuri dwarhom.

Ferm il-premess, imiss li tiġi trattata r-responsabilta' legali tal-kontendenti fl-isfond ta' dawn ir-riżultanzi tekniċi.

Kif ikkonstata l-perit tekniku Martin Galea, l-ispecifications għall-bibien maħruġa mill-Awtorita' kienu pjuttost vagi, u kif irrelata fir-rapport tiegħu22 –

"No consideration was taken in this specification of the site's environmental conditions, and the adequate protection protection that is necessary in order to offer long lasting protection."

Madankollu bħala fatt irriżulta wkoll li ħadd mill-partijiet, inkluż għalhekk is-soċjetà konvenuta, ma ta il-piż dovut lill-kundizzjonijiet tal-ambjent li fih kellu jsir ix-xogħol u anke l-fatt li l-binja kienet fl-akwati tal-baħar bil-konsegwenzi kollha li dan il-fattur iġib miegħu. Dan kien fattur ovvju, konstanti u prevedibbli ukoll għas-soċjetà konvenuta li kellha teħodhom in konsiderazzjoni fit-twettiq tal-inkarigu sub-appaltat lilha. Tali responsabilta' hija ben riflessa fil-ġurisprudenza nostrali kif suriferit li ma tesumi qatt mill-obbligu li appalt/subappalt jiġi eseġwit skont dik is-sengħa u l-arti li jinħtieġ anke l-ambjent ċirkostanti.

Jingħad ukoll li d-difiża tas-soċjetà konvenuta tattribwixxi l-ħtija kollha għas-sadid li fforma fuq il-bibien fuq il-kontaminazzjoni mill-ilma u ċ-ċamura (slurry) u għalhekk tittanta tiskolpa lilha nnifisiha minn kull responsabilta' legali għall-akkadut. Iżda dan mhux il-każ. Kif irriżulta mill-provi inkluż mir-ritratti esibiti u anke mir-rapport tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti kien hemm numru ta' bibien li nonostante l-fatt li ma ġewx esposti għal din it-tip ta' kontaminazzjoni xorta waħda ħarġilhom is-sadid. B'hekk, kif tajjeb qal il-perit tekniku nkarigat mill-Qorti, din il-kontaminazzjoni ma tistax titqies bħala r-raġuni ewlenija u waħdanija għall-akkadut. Għalhekk is-soċjetà konvenuta tfalli fl-argument tal-kagun tas-sadid kif minnha attribwit u ma tressaq ebda raguni oħra valida għas-sinistru fil-materjal.

Issa fir-rigward ta' din il-kontaminazzjoni, rriżulta mill-provi li x-xenarju li fih kienet qed issir il-kostruzzjoni tal-binja mis-soċjetà attriċi kien jinvolvi numru ta' xogħlijiet għaddejjin fl-istess ħin u dan in vista anke tat-time-frames stringenti li s-soċjetà attriċi kienet marbuta bihom mal-Awtorita'

kontraenti. Nonostante l-fatt li jirriżulta li l-proġett sħiħ kien ittardja xi ftit, anke s-soċjetà konvenuta kienet qed topera f'kuntest ta' termini mposti fuqha mis-soċjetà attriċi sabiex ittwaħħil tal-bibien ikun lest fil-ħin stipulat, altrimenti s-soċjetà konvenuta kienet tinkorri penali. Dan ikkonfermatu l-perit tas-soċjetà attriċi li kienet tkun fuq issit, Caroline Caruana.

Jiġi osservat pero' li r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta kienu ben konsapevoli tal-ambjent ta' kostruzzjoni li kienu qed jaħdmu fih. Alfred Baldacchino kkonferma hekk –

[ ... ]

Meħuda dawn il-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta ma tistax tiġi eżonerata mir-responsabilta'. Kif huwa stabbilit mill-ġurisprudenza ċitata, s-soċjetà konvenuta kellha l-obbligu f'għajnejn il-liġi li tippresta xogħol tajjeb u tesegwixxi l-appalt skont l-arti u s-sengħa ndipendentement mid-direzzjoni li kienet qed tingħata lilha mis-soċjetà attriċi anke jekk kienet qed topera f'kuntest ta' time-frames speċifiċi mogħtija lilha mill-istess soċjetà attriċi. Ir-responsabilta' tas-soċjetà konvenuta lanqas ma għandha tiġi eżonerata bil-fatt waħdu li hija pprovdiet bibien li kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilha mis-soċjetà attriċi stante li kien jinkombi fuqha b'diliġenza ta' bonus pater familias li tieħu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet ambjentali li fih kienet ser tinstalla l-bibien u ċioe' li kienet żona viċin il-baħar.

Inoltre, f'ambjent tax-xogħol li fih kienet għadha qed issir kostruzzjoni, huwa raġjonevolment mistenni li jkun hemm jiċċirkola materjal użat fil-kostruzzjoni. Għalhekk is-soċjetà konvenuta, li permezz tal-ħaddiema tagħha kienet konsapevoli tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu għaddejjin simultanjament, mhijiex ġustifikata li tassumi li ċ-ċarċir tal-likwidu mal-ħajt kien biss ilma. Dan meta huwa raġjonevolment mistenni f'dawk iċ-ċirkustanzi li l-likwidu li kien ser ikun qiegħed iċarċar mal-ħitan kien ser ikun imħallat b'materjal tal-kostruzzjoni possibilment korruziv. Lanqas kien ġustifikat ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta li jippretendi li l-interess tiegħu kien biss li jwaħħal il-bibien u daqshekk għax, fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tas-soċjetà konvenuta, hija kienet fiddover u dmir li teżamina l-ambjent li fih kienet ser tkun qed taħdem peress li dan seta', kif fil-fatt kellu, effett fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħol li kellu jsir skont l-arti u s-sengħa.

**Pero' kif ingħad, is-suespost jirrifletti biss parti u mhux il-kawża ewlenija tas-sadid li ħareġ fil-bibien u dan bħala fatt jimilita aktar kontra d-difiża mressqa**.

Il-perit tekniku tal-Qorti nfatti attribwixxa r-raġuni ewlenija għas-sadid li ħareġ fil-bibien għal raġunijiet li kienu inerenti kemm fil-materjal provdut mis-soċjetà konvenuta kif ukoll fil-mod kif ġie maħdum ix-xogħol. Dan peress li kif instab mir-rapport peritali tal-espert tal-Qorti –

• iż-Zinc coated sheets użati mis-soċjetà konvenuta għal-bibien in kwistjoni ma kinux adatti għall-ambjent li fih tpoġġew (u dan b'kuntrast ma' materjal ieħor tal-metall galvanizzat, senjatament galvanised cable tray, li ma kienx impoġġi mis-soċjetà konvenuta u li ma sofriex l-istess ħsarat li ġralhom il-bibien mertu ta' dawn il-proċeduri);

• il-ħxuna tal-coating taż-żingu kienet imnaqqsa f'dawk il-partijiet fejn il-folji tal-metall kienu jitgħawġu, b'dana li l-coating ixxaqqaq;

• It-trufijiet kollha tal-qtugħ ma kinux protetti minn coating biex b'hekk ittnaqqis taż-żingu sar b'rata aktar mgħaġġla; u partijiet li fihom sar ilwelding u fejn saret ħsara għaż-żingu ma sarilhomx trattament tajjeb.
Dawn in-nuqqasijiet kollha jkomplu jgħabbu lis-soċjetà konvenuta b'responsabilta' għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet skont l-arti u s-sengħa u li għalihom ċertament hija ser ikollha tirrispondi f'danni.

13. In tema legali nżamm illi l-appaltatur għandu jiżgura li l-mod ta' kif jitwettaq l-appalt jissarraf f'dak is-sens ta' professjonalità teknika għal liema l-appaltatur obbligat li għandu dejjem jottjeni fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u l-arti (ara **Tal-Franċiż Construction Ltd v. Anġlu Żarb** - Appell (Sede Inferjuri) - 15 ta' Lulju, 2009). Sabiex jista' jingħad li appaltatur għamel xogħlu tajjeb, jeħtieġlu juri sodisfaċentement li huwa eżegwixxa skont is-sengħa u l-arti x-xogħol li aċċetta li jagħmel u li ħa in konsiderazzjoni l-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel (ara **George Spiteri v. Peter Paul Testaferrata Moroni Viani** - Qorti tal-Appell - 9 ta' Jannar, 2009).

14. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti eżaminat b'reqqa l-provi kollha mressqa mill-partijiet, inkluż ir-rapport

tekniku *ex parte* tal-appellanti, u waslet għall-konklużjoni illi tadotta r-rapport peritali tal-espert ġudizzjarju filwaqt li tat raġunijiet flokom u raġjonevoli għaliex kienet qed tadottah.

15. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin li l-Ewwel Qorti qagħdet fuq ir-rapport peritali. Fejn jidħlu fehmiet ta' sura teknika r-relazzjoni tal-periti tekniċi għandha tingħata ċertu piż mill-Qorti u dan għaliex f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għall-fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara **Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut et.** - Qorti tal-Appell - 17 ta' Marzu, 2021). In tema legali nżamm illi hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti li tagħżel fuq liema provi għandha ssejjes il-ġudizzju tagħha; u ġialadarba r-rapport ta' perit tekniku jiswa daqs kull prova oħra, l-Ewwel Qorti kellha kull jedd li tislet il-konklużjonijiet tagħha minn dak ir-rapport inkluż dwar min kien responsabbli għad-danni reklamati (ara **Jamar Malta Limited v. Office Group Limited** - Qorti tal-Appell - 9 ta' Mejju, 2024; ara wkoll **Judith Nicola Portelli v. Michael Angelo Cordina** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Jannar, 2021; **Carmela Galea v. LIDL Malta Limited** - Qorti tal-Appell - 1 ta' Diċembru, 2021).

16. Din il-Qorti ssib xi ftit jew wisq inspjegabbli kif l-appellanti, rinfaċċjata b'relazzjoni tal-perit ġudizzjarju li kien imur dijametrikament kontra l-konklużjonijiet tar-rapport tekniku *ex parte* tagħha, li rrinunzjat

għat-talba tagħha għal ħatra ta' periti addizzjonali. Il-qofol tal-vertenza safejn tirrigwarda l-aspett tekniku tinstab primarjament dwar il-kwalità u l-ħxuna tal-*galvanising* adoperat mill-appellanti fil-bibien mertu tal-kawża. L-opinjoni tal-esperti *ex parte* tal-appellanti illi l-fattur ambjentali ma kellux rilevanza ma ġiex aċċettat mill-Ewwel Qorti meta adottat ir-rapport tal-espert ġudizzjarju. Il-perit ġudizzjarju kkonkluda fost l-oħrajn illi "Thickness of Zinc coating is approx. 20 microns which is not sufficient to offer adequate protection in locations categorised to C5M according to ISO-12944. Recommended thickness of Zinc in such conditions is 70 to 80 microns, moreover the thinkness on the bends in order to form the corrugation and frame sections is much lower and readings of 7 to 10 microns were measured." L-Ewwel Qorti ma aċċettatx l-opinjoni tal-esperti *ex parte* tal-appellanti illi l-lokalità ma kenitx taqa' fil-kategorija C5M, u cjoè lokalità f'ambjent espost għal livell għoli ta' elementi korrużivi fl-arja minħabba l-prossimità għall-baħar. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti li adottat ir-rapport peritali tal-espert ġudizzjarju fir-rigward li kkonkluda illi l-ambjent li fih kellhom jiġu installati l-bibien kien kategorija C5M li kien jinneċessita *zinc coating* ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 70 *microns*. Is-soċjetà appellanti, *tramite* l-esperti *ex parte* tagħha, ma qalitx illi f'ambjent C5M ma hux indikat skont l-i*standards* internazzjonali *zinc coating* ta' ħxuna mhux anqas minn 70 *microns*, imma tgħid illi bil-fatt li l-entratura komuni għall-garaxxijiet ma kenitx tħares lejn il-baħar, allura l-ambjent marittimu viċin ma kienx

rilevanti. Opinjoni din li l-Ewwel Qorti skartat meta adottat ir-relazzjoni peritali tal-espert minnha nominat. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura lill-Ewwel Qorti fir-rigward. L-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'diversi opinjonijiet tekniċi konfliġġenti mogħtija minn diversi esperti f'dan il-qasam u adottat dik l-opinjoni illi fiċ-ċirkostanzi ħasset li hija l-aktar attendibbli. Din il-Qorti ma ssib xejn irraġjonevoli fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità taż-*zinc coating*.

17. Dwar l-ilment tal-appellanti illi kuntrarjament għall-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, mhux il-bibien kollha ħarġilhom is-sadid, din il-Qorti kkonstatat illi mir-rapport tal-espert ġudizzjarju jirriżulta li minn total ta' mija u tlieta u ħamsin (153) bieb eżaminat mill-espert tekniku, sitta u erbgħin (46) bieb instabu li kienu "in Good Condition" filwaqt li disa' (9) bibien oħra ma kinux dawk manufatturati u nstallati mis-soċjetà appellanti, total ta' ħamsa u ħamsin (55) bieb illi skont l-espert ġudizzjarju stess kienu f'kundizzjoni tajba. [2]

18. Din il-Qorti tqis dan l-ilment ġustifikat għaliex hekk jirriżulta mill-istess relazzjoni teknika li adottat l-Ewwel Qorti.

19. Dwar l-aggravju illi kienu biss il-bibien li ntlaqtu biċ-ċamura li żviluppalhom is-sadid u l-istedina tal-appellanti sabiex din il-Qorti teżamina b'mod partikolari r-ritratti esebiti in atti; din il-Qorti, wara li

---

[2] Fol. 550 - 551

eżaminat b'reqqa l-provi kollha prodotti, b'mod partikolari r-ritratti, issib illi dan l-aggravju mhux ġustifikat. Mhux minnu illi s-sadid tfaċċa biss fejn il-bibien intlaqtu biċ-ċamura. Bħala eżempju wieħed minn diversi, din il-Qorti tirreferi għar-ritratt immarkat "Door 76"[3] fejn jirriżulta illi s-sadid żviluppa maċ-ċaċċis kollu (il-parti orizzontali ta' fuq, u ż-żewġ naħat vertikali) kif ukoll fix-xifer ta' taħt tal-bieb. Indikazzjoni ċara illi z-*zinc coating* ma kienx suffiċjenti sabiex jirreżisti l-umdità fl-ambjent li jinsab fih. Dan ma kienx xi fattur mistur lis-soċjetà konvenuta qabel ma aċċettat l-inkarigu lilha mogħti mis-soċjetà attriċi. Huwa evidenti anke mir-ritratt biss li dan huwa riżultat ta' materjal mhux adattat għall-ambjent li fih ġie installat. L-istess ir-ritratt immarkat "Door 77" deskritt mill-espert ġudizzjarju bħala "severe corrosion all-over". Evidenti illi s-sadid ma tfaċċax biss fejn il-bibien iċċapsu biċ-ċamura. Li jirriżulta huwa proprju dak li kkonstata u rrelata l-perit ġudizzjarju illi fejn il-bibien intlaqtu biċ-ċamura l-proċess tas-sadid kien aktar pronunzjat.

20. Dwar l-aggravju illi l-espert ġudizzjarju ma kellux il-kwalifiċi akkademiċi meħtieġa, din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, issib dan l-ilment mhux biss infondat imma wkoll fieragħ. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, l-appellanti kellha s-snin disponibbli sabiex tagħmel il-verifiki tagħha u tressaq l-oġġezzjonijiet tagħha fiż-żmien opportun. Fi kwalunkwe, mir-risposti in eskussjoni tal-espert ġudizzjarju ħareġ ċar l-

[3] Fol. 549

esperjenza teknika vasta li huwa għandu fis-suġġett, u għalhekk ma tqisx ġustifikata l-lamentela tal-appellanti fir-rigward.

21. L-appellanti tibqa' tinsisti li l-bibien minnha manufatturati kienu ta' kwalità tajba u maħduma skont is-sengħa u l-arti u saħansitra tgħid illi dan huwa aċċettat mill-istess attriċi meta talbet li tiġi msejħa fil-kawża l-Awtorità tad-Djar, talba li ġiet rifjutata mill-Ewwel Qorti. Għalkemm huwa minnu li l-appellata kienet talbet lill-Ewwel Qorti sabiex issejjaħ fil-kawża lill-Awtorità tad-Djar, ir-raġunijiet mogħtija mill-appellata għal dik it-talba ma jistgħux jitqiesu bħala ammissjoni da parti tal-appellata illi l-bibien inħadmu skont l-arti u s-sengħa.

**22. Għalhekk issib illi l-maġġorparti tar-raġunijiet miġjuba mill-appellanti fl-ewwel aggravju ma humiex siewja, ħlief dawk referibbli għal numru ta' bibien li l-espert ġudizzjarju ċċertifika li ma kellhom l-ebda ħsara.**

23. Permezz tat-*__tieni aggravju__* l-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannha tħallas lill-appellata l-ammont kollu li l-Awtorità tad-Djar naqset milli tħallas lill-appellata; tilmenta illi mkien ma hu spjegat kif l-Ewwel Qorti ħadet bħala punt tat-tluq għal-likwidazzjoni tad-danni l-ammont sħiħ li l-Awtorità naqqset mis-somma globali minnha dovuta lill-appellata, u ċjoè bir-rata ta' €850 għal kull bieb, meta l-attriċi appellata ħallset lill-appellanti €330 għal kull bieb għal total ta' €51,150; tilmenta illi

l-Ewwel Qorti ma tatx kunsiderazzjoni biżżejjed għall-fattispecie tal-każ b'mod partikolari kif is-soċjetà attriċi u l-Awtorità tad-Djar ikkonduċew ix-xogħlijiet; tgħid illi l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni reklamati fl-ammont ta' darbtejn u nofs il-valur tal-kuntratt kollu u 25 darba aktar mill-10% massimu stipulat fil-kuntratt u dan "mingħajr provi ġustifikatorji"; tgħid illi d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti ma jirriżultawx mill-provi u li fi kwalunke każ mir-relazzjoni tal-espert tekniku mqabbad mill-qorti l-ammont ta' danni huwa ferm anqas; tilmenta wkoll illi s-soċjetà attriċi ma għamlet xejn sabiex timminimizza d-danni u minflok aċċettat mingħajr kontestazzjoni l-pretensjoni tal-Awtorità tad-Djar li żżommilha aktar minn darbtejn u nofs tal-prezz tal-valur sħiħ tal-bibien kollha minkejja li tammetti li l-Awtorità tad-Djar għandha responsabbiltà għall-akkadut.

24. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi d-danni minnha reklamati ġew suffiċjentement ippruvati meta pproduċiet ċ-ċertifikati tal-ħlasijiet maħruġa mill-Awtorità tad-Djar tal-11 ta' Ġunju, 2012[4] rappreżentanti l-ammont globali li ġie mnaqqas mill-pagamenti li kellha tirċievi mingħand l-Awtorità tad-Djar; tgħid illi dak li hu rilevanti mhux kemm l-appellata ħallset lill-appellanti imma "t-telf li sofriet is-soċjetà (attriċi) meta ma rċevitx il-ħlasijiet li kellha tirċievi mingħand l-Awtorità tad-Djar għal dawn il-bibien"; tgħid illi huwa irrilevanti l-fatt illi wħud mill-bibien għadhom fil-post jew mhux għal kollox *corroded* peress li b'daqshekk ma

[4] Fol. 17

jfissirx li mhux ser ikun hemm problemi serji bihom "iktar ma jkompli jgħaddi ż-żmien"; finalment tgħid illi l-limitazzjoni kuntrattwali fuq il-*quantum* tad-danni tirreferi għall-penali marbuta mad-dewmien mhux mal-kwalità tax-xogħol.

25. Meta ġiet sabiex tillikwida d-danni l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Bħala kwantifikazzjoni tad-danni sofferti minnha s-soċjetà attriċi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-ħlas mibgħut lilha mill-Awtorita' tad-Djar fil-11 ta' Ġunju 2012 fejn l-Awtorita' kitbet hekk –
>
> "To date most doors have rusted. These are to be replaced. The total number of 154 doors are being assumed for this calculation. Estimate for removal of existing door and load and cart away to approved dumping site and installation of new door=€850 per door. Therefore, 154 x 850 = €130,900. Less €6,000 already deducted for repairs in item 6 above = €124,900."
>
> Mill-provi rriżulta li s-soċjetà attriċi kienet ġia laħqet ħallset lis-soċjetà konvenuta il-kont kollu bl-eċċezzjoni tas-somma ta' €6,000 li, kif ingħad fis-sinteżi tal-provi, llum huma mertu ta' proċeduri separati surreferiti Rik 50/12.
>
> Għalhekk jifdal is-somma massima ta' €124,900 li s-soċjetà attriċi qegħda tippretendi bħala danni permezz tal-proċeduri odjerni, kif anke sottolineat mid-difensur tagħha fit-trattazzjoni finali.
>
> Il-Qorti tqis li għar-raġunijiet kollha suesposti ġie ppruvat lil kawża għala l-bibien installati soffrew id-danni riportati kien kaġun ta' nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta għal-fatturi hawn fuq esposti. Għalhekk is-soċjetà attriċi timmerita l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnha subiti stante lis-soċjetà konvenuta kienet inadempjenti fil-ftehim minnha assunt.
>
> Magħmula dawn l-osservazzjonijiet l-Qorti jidhrilha pero' li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, is-soċjetà attriċi ma jistħoqqilhiex li titħallas l-ammont sħiħ ta' €124,900 pretiż minnha. Kif irriżulta mill-provi, il-bibien in kwistjoni ma twaħħlux kollha f'daqqa. Il-Qorti tinnota li wara li kienu bdew jitwaħħlu xi bibien wara April 2009, fil-perjodu sa Lulju 2009 kienet diġa' bdiet tfeġġ il-problema tas-sadid fil-bibien tant li l-perit tas-soċjetà attriċi, Caroline Caruana, kitbet lir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta biex tilmenta dwar dan u sabiex jiltaqgħu ħalli jsibu soluzzjoni. Madankollu u minkejja li sa mill-bidu nett wara t-twaħħil tal-ewwel bibien kienet diġa' bdiet tiżviluppa din il-problema tas-sadid, is-soċjetà attriċi mhux biss ma

waqqfitx it-tkomplija tat-twaħħil tagħhom sakemm jiġi stabbilit x'setgħet kienet il-problema u l-kawża ta' dan is-sadid, talli wara ftit xhur hija xorta insistiet mas-soċjetà konvenuta sabiex din tiffinalizza l-inkarigu tagħha għax altrimenti teħel il-penali. Dan l-aġir għalhekk ipoġġi lis-soċjetà attriċi fil-konsapevolezza - fil-kors tax-xogħlijiet - li kienet żviluppat problema ta' sadid f'diversi bibien, u minkejja dan, kif ingħad, hija baqgħet tippersisti fit-tlestija tat-twaħħil tal-bibien akkost ta' kollox. Ta' dan l-aġir tagħha s-soċjetà attriċi timmerita li jitnaqqsilha parti mill-ħlas tad-danni sabiex jagħmel tajjeb għall-fatt li s-soċjetà konvenuta, waqt li kienet għaddejja bit-twaħħil tal-bibien ġiet rinfaċċjata b'xabla taqta' minn żewġ naħat u ċioe' l-ilmenti minn naħa tas soċjetà attriċi dwar is-sadid u minn naħa l-oħra l-insistenza tas-soċjetà attriċi stess li xorta għandha tkompli bit-twaħħil sabiex jiġu osservati t-time frames tal-ftehim u ma jiskattawx penali. Ta' dan m'għandiex tbagħti biss is-soċjetà konvenuta waħida.

Fil-fehma tal-Qorti, wara li rat iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tikkonkludi li għandha tnaqqas tletin fil-mija (30%) mid-danni li sejrin jiġu likwidati.

Għalhekk għall-fini tat-tieni u t-tielet talba tas-soċjetà attriċi: €124,900 - €37,470 = €87,430 (sebgħa u tmenin elf erba' mija u tletin Ewro) bħala danni li sejrin jiġu likwidati a favur is-soċjetà attriċi.

**Ikkunsidrat;**

26. Bħala regola ġenerali d-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta' waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja.[5] Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-eżekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma

[5] Art. 1132, Kap. 16

jippruvax illi n-nuqqas tal-eżekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx htija.[6] Id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata u l-qligħ li jkun ġie mtellef.[7] Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġej minn għemil tiegħu doluż.[8]. Meta n-nuqqas tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġej minn għemil doluż tad-debitur, fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligħ li hu jkun ġie mtellef, għandhom jidħlu biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-obbligazzjoni.[9]

27. L-appaltatur li jwettaq ħażin ix-xogħol li jkun mqabbad jagħmel huwa responsabbli għad-danni kollha li jiġu minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (ara **Silvio Vella pro et noe v. Alfred Theuma et.** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Novembru, 2012). Tali responsabbiltà għad-danni tibqa' anke jekk ix-xogħol ikun ġie approvat jew jekk l-appaltatur ikun mexa skont id-direzzjonijiet u l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn min qabdu. Huwa miżmum li l-appaltatur huwa dejjem obbligat li jagħti xogħol tajjeb lill-appaltant u ma jistax jallega li ma sarx xogħol skont is-sengħa u l-arti minħabba li dan ġie mwettaq kif riedu min inkarigah. L-appaltatur huwa obbligat iwarrab kull tip ta' ndħil li jista' jkollu mill-appaltant jew minn terzi

---

[6] Art. 1133, Kap. 16
[7] Art. 1135, Kap. 16
[8] Art. 1136, Kap. 16
[9] Art. 1137, Kap. 16

għaliex xorta waħda jrid jirrispondi daqs li kieku ma kellux indħil. (ara **Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi v. Charles Azzopardi** - Qorti tal-Appell - 19 ta' Ġunju, 2006; **Louis Busuttil noe. v. Raymond Mallia noe.** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Diċembru, 2018).

28. Bil-fatt li l-appaltant ikun ivverifika x-xogħol u jkun ħallas għalih ma jeżonerax lill-appaltatur mir-responsabbiltà għad-danni jekk wara l-verifika u l-ħlas jirriżulta li x-xogħol huwa difettuż jew mhux skont l-arti u s-sengħa (ara **Middlesea Insurance p.l.c. v. Spot On Gypsum Ltd.** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Jannar, 2021). Jekk il-prezz ikun ġie ffissat għal kull unità, l-appaltatur ikollu dritt jitħallas tax-xogħol li jkun twettaq, filwaqt li jekk il-prezz ikun wieħed sħiħ għax-xogħol kollu u x-xogħol ma jkunx magħmul kollu jew ma jkunx ġie mwettaq sew b'difetti gravi, l-appaltatur ma jkollu dritt għall-ebda parti mill-ħlas (ara **Melita Manufacturing Company Limited v. C. &. F. Building Contractors Limited** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Ottubru, 2021). Jekk min-naħa l-oħra d-difetti ma jkunux gravi u jistgħu jissewwew, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li jsewwi dawk id-difetti u jitħallas, jew inkella jaċċetta roħs fil-prezz (ara **Alfred Camilleri Cauchi v. George Muscat** - Qorti tal-Appell - 26 ta' Settembru, 2009; **Hal Mann Limited v. Godfey Saliba -** Qorti tal-Appell - 2 ta' Frar, 2010).

29. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza għall-fattispecie tal-każ odjern, din il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellanti dwar il-*quantum* tad-danni likwidat mill-Ewwel Qorti huwa parzjalment fondat.

30. Kif rajna aktar qabel meta kkunsidrajna l-ewwel aggravju, ir-rapport stess tal-espert ġudizzjarju li fuqu straħet l-Ewwel Qorti jgħid illi mhux il-bibien kollha installati mill-appellanti kienu afflitti minn sadid, b'kollox sittin (60) bieb. Din il-Qorti qed tinkludi f'dan in-numru ħames (5) bibien li ġew deskritti bħala "painted doors", kif ukoll disa' (9) bibien li huma mmarkati mill-espert ġudizzjarju bħala "Replaced by K Darmanin" peress li l-esperti ma kellhomx l-opportunità li jeżaminaw dawk manufatturati mill-appellanti; L-appellanti sostniet li dawk tagħha kienu ġew misruqa, allegazzjoni li ma jirriżultax li ġiet ikkontestata mill-appellata.

31. Kif rajna aktar qabel id-danni li għandu jedd għalihom l-appaltant huma għat-telf li jkun bata u l-qligħ li jkun ġie mtellef.[10] Ġialadarba ma ġiex allegat għemil doluż l-appellanti hija obligata biss għal dawk id-danni li setgħat tobsor fiż-żmien li ngħata l-appalt.[11] L-appellanti talbet li d-danni jiġu likwidati fis-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf u disa' mitt ewro (€124,900) l-ammont li l-Awtorità tad-Djar naqsitilha mit-total ta' €3,484,989.50. L-Awtorità tad-Djar iddeskriviet l-ammont ta' €124,900 minnha mnaqqas kif ġej:

---

[10] Art. 1135, Kap. 16
[11] Art. 1136, Kap. 16

"14. To date most doors have rusted. These are to be replaced. Total numher of 154 doors are being assumed for this calculation. Estimate for removal of existing door and load and cart away to approved dumping site and installation of new door(s) = €850 per door. Therefore, 154 x 850 = €130,900. Less €6,000 already deducted for repairs in item 6 above - €124,900.

32. Meta ġiet sabiex tillikwida d-danni l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

"Magħmula dawn l-osservazzjonijiet l-Qorti jidhrilha pero' li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, is-soċjetà attriċi ma jistħoqqilhiex li titħallas l-ammont sħiħ ta' €124,900 pretiż minnha. Kif irriżulta mill-provi, il-bibien in kwistjoni ma twaħħlux kollha f'daqqa. Il-Qorti tinnota li wara li kienu bdew jitwaħħlu xi bibien wara April 2009, fil-perjodu sa Lulju 2009 kienet diġa' bdiet tfeġġ il-problema tas-sadid fil-bibien tant li l-perit tas-soċjetà attriċi, Caroline Caruana, kitbet lir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta biex tilmenta dwar dan u sabiex jiltaqgħu ħalli jsibu soluzzjoni. Madankollu u minkejja li sa mill-bidu nett wara t-twaħħil tal-ewwel bibien kienet diġa' bdiet tiżviluppa din il-problema tas-sadid, is-soċjetà attriċi mhux biss ma waqqfitx it-tkomplija tat-twaħħil tagħhom sakemm jiġi stabbilit x'setgħet kienet il-problema u l-kawża ta' dan is-sadid, talli wara ftit xhur hija xorta insistiet mas-soċjetà konvenuta sabiex din tiffinalizza l-inkarigu tagħha għax altrimenti teħel il-penali. Dan l-aġir għalhekk ipoġġi lis-soċjetà attriċi fil-konsapevolezza - fil-kors tax-xogħlijiet - li kienet żviluppat problema ta' sadid f'diversi bibien, u minkejja dan, kif ingħad, hija baqgħet tippersisti fit-tlestija tat-twaħħil tal-bibien akkost ta' kollox. Ta' dan l-aġir tagħha s-soċjetà attriċi timmerita li jitnaqqsilha parti mill-ħlas tad-danni sabiex jagħmel tajjeb għall-fatt li s-soċjetà konvenuta, waqt li kienet għaddejja bit-twaħħil tal-bibien ġiet rinfaċċjata b'xabla taqta' minn żewġ naħat u ċioe' l-ilmenti minn naħa tas soċjetà attriċi dwar is-sadid u minn naħa l-oħra l-insistenza tas-soċjetà attriċi stess li xorta għandha tkompli bit-twaħħil sabiex jiġu osservati t-time frames tal-ftehim u ma jiskattawx penali. Ta' dan m'għandiex tbagħti biss is-soċjetà konvenuta waħida. Fil-fehma tal-Qorti, wara li rat iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tikkonkludi li għandha tnaqqas tletin fil-mija (30%) mid-danni li sejrin jiġu likwidati."

33. L-appellata ma appellatx mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għalhekk il-kontributorjetà tal-appellanti stabbilita fis-sentenza appellata hija *res judicata*.

34. L-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx ukoll in konsiderazzjoni illi l-appellata ma għamlet xejn sabiex timminimizza d-danni kif kellha dover li tagħmel. Huwa minnu li l-appellata ma kkontestatx il-pretensjoni tal-Awtorità tad-Djar li tnaqqsilha mill-kont globali s-somma ta' €124,900.00. Jidher illi straħet fuq il-possibilità li ddur fuq l-appellanti sabiex tirkupra mingħandha dak lilha mnaqqas mill-Awtorità tad-Djar.

35. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti illi l-appellata kkontribwit għad-danni li qed tirreklama meta konxja li minn kmieni tfaċċat il-problema tas-sadid xorta waħda insistiet mal-appellanti li l-installazzjoni tkompli taħt theddida li tapplika l-penali. Fl-istess ħin din il-Qorti tqis illi l-appellata ma resqitx provi sodisfaċenti illi sabiex jiġi rimpjazzat bieb li għalih ħallset lill-appellanti s-somma ta' €330.00 hija għandha jedd tirkupra mingħand l-appellanti s-somma ta' €850.00 għal kull bieb, kważi tliet darbiet aktar. Fl-ewwel lok irriżulta kif rajna *supra* li kien hemm numru ta' bibien illi l-perit ġudizzjarju rrelata li ma sabilhom l-ebda ħsara. Fit-tieni lok kien jinkombi fuq l-appellata illi tressaq il-prova kif l-Awtorità wasslet għaċ-ċifra li naqqset mill-kont tal-appellata. Il-ftehim mal-Awtorità tad-Djar l-appellata għamlitu u mhux l-appellanti. Kien l-oneru tal-appellata illi titlob ġustifikazzjoni mill-Awtorità kif waslet għal dik iċ-ċifra. Mhux verosimili illi sabiex jiġi rimpjazzat bieb li jiswa €330.00

jeħtieġ spiża ta' €850, sakemm ma titressaqx prova ċara u konklussiva. L-ebda prova fir-rigward ma ressqet l-appellata.

36. F'dawn ir-ċirkostanzi din il-Qorti tqis illi jkun ekwu illi l-appellanti tagħmel tajjeb għal dawk il-bibien li rriżulta li żviluppatilhom il-ħsara u mhux ukoll għal dawk il-bibien li ma rriżultalhom l-ebda sadid. Tqis ukoll illi għal kull bieb bil-ħsara l-appellanti għandha tiġi kkundannata tħallas mhux l-ammont reklamat mill-Awtorità tad-Djar kontra l-appellata, imma l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) għal kull bieb bil-ħsara, liema ammont li qed jiġi stabbilit minn din il-Qorti *arbitrio boni viri.*

37. Mir-rapport tal-espert ġudizzjarju rriżulta illi minn mija u tlieta u ħamsin (153) bieb, il-bibien li ġew ċertifikati milquta mis-sadid jammontaw għal tlieta u disgħin (93) bieb.

38. Għaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida d-danni li għalihom kellha jedd titlob l-appellata, mingħajr ma għalissa jittieħed kont tal-kontributorjetà tagħha, fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf u tmien mitt ewro (€55,800).[12] Dan l-ammont għandu jitnaqqas bi tletin fil-mija (30%) kif deċiż mill-Ewwel Qorti minħabba l-kontributorjetà tal-appellata dwar liema ma sar l-ebda appell. Għaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida d-danni pagabbli mill-appellanti lill-appellata fis-somma ta' disa' u tletin elf u sittin ewro (€39,060) minflok l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti.

[12] €600 x 93

**Decide.**

Għar-raġunijiet fuq mogħtija din il-Qorti qed tiddeċiedi dan l-appell billi:

1. **Tilqa' parzjalment** l-aggravji tal-appellanti safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti;

2. **Tirriforma** s-sentenza appellata billi ssib illi s-soċjetà appellanti ikkontribwixxiet għad-danni minnha reklamati, u tirriduċi l-ammont ta' danni pagabbli mill-appellanti lill-appellata għas-somma fuq imsemmija ta' disgħa u tletin elf u sittin ewro (€39,060) minflok l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-effettiv pagament.

3. **Mill-bqija** tikkonferma s-sentenza appellata.

4. **B'applikazzjoni** tal-artikolu 223 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili din il-Qorti tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu in kwantu għal nofs mis-soċjetà attriċi appellata u in kwantu għan-nofs l-ieħor mis-soċjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss